32004D0666

30.9.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 303/35

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' Settembru 2004

## biex jiddaħħal tilqim biex issaħħaħ il-miżuri biex ikunu kkontrollati infezzjonijiet li jkollhom influwenza ta' l-għasafar b'patoġeniċità baxxa fl-Italja, u dwar miżuri speċifiċi ta' kontroll ta' moviment, u li tirrevoka id-Deċiżjoni 2002/975/KE

*(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3581)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2004/666/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar il-verifiki veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb li jitkompla s-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-verifiki veterinarji u żootekniċi li jgħoddu għall-kummerċ intra-Komunitaju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb li jitkompla s-suq intern [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 (4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE li twaqqaf ir-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jikkontrollaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-firxa u l-introduzzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali għall-użu mill-bniedem [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 (3) tagħha,

Billi:

(1) F'Ottubru 2002, l-Italja rrappurtat lill-Kummissjoni li f'dan il-pajjiż kien hemm infezzjonijiet ikkawżati bil-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar b'patoġeniċità baxxa, u dan kien tas-sotto-tip H7N3. Dawn seħħew fir-reġjuni tal-Veneto u l-Lombardija u din il-marda kienet qed tinfirex malajr.

(2) L-Italja ħadet azzjoni mill-ewwel, inkluż il-qerda ta' qatgħat ta' tjur infettati biex tkun ikkontrollata l-firxa ta' l-infezzjoni. Bħala miżura supplementari l-awtoritajiet Taljani talbu wkoll l-approvazzjoni għal programm ta' tilqim kontra l-influwenza ta' l-għasafar għal mill-inqas 18-il xahar biex din l-infezzjoni ma tkomplix tinfirex aktar.

(3) Il-programm ta' tilqim kien ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/975/KE tat-12 ta' Diċembru 2002 li tintroduċi t-tilqim biex ikunu megħjuna l-miżuri ħalli jkunu kkontrollati l-infezzjonijiet ta' influwenza ta' l-għasafar b'patoġeniċità baxxa fl-Italja u fuq il-miżuri speċifiċi ta' kontroll tal-moviment [5], u li twaqqaf ir-regoli dwar it-tilqim kontra l-influwenza ta' l-għasafar f'żona ġeografika definita. Id-Deċiżjoni tinkludi miżuri speċfiċi ta' kontroll bħalma huma r-restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' tjur ħajjin, bajd tat-tifqis u għall-ikel għall-kummerċ intra-Komunitarju.

(4) Ir-riżultati tal-programm ta' tilqim li ġew irrappurtati f'diversi laqgħat tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali kienu ġeneralment tajbin dwar il-kontroll tal-marda fiż-żona tal-vaċċinazzjoni. Madankollu, l-infezzjoni nfirxet lejn ċerti nħawi ħdejn iż-żona tal-vaċċinazzjoni stabbilita. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2002/975/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2003/436/KE [6] wessgħet iż-żona ta' vaċċinazzjoni biex tkopri dawk l-inħawi tal-viċin.

(5) Mill-aħħar ta' Settembru 2003, ma kien hemm l-ebda ċirkulazzjoni oħra tal-virus tas-sotto-tip H7N3 ta' l-influwenza ta' l-għasafar matul il-monitoraġġ estensiv li sar fiż-żona tal-vaċċinazzjoni. Għalhekk, l-Italja talbet biex iddaħħal ċertu tibdil fil-programm ta' tilqim u fir-restrizzjonijiet tal-kummerċ intra-Komunitarju. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2002/975/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/159/KE [7], approvat dawk il-bidliet u r-restrizzjonijiet.

---

[1] ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 33).

[2] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE (ĠU L 315, tad-19.11.2002, p. 14).

[3] ĠU L 167, tat-22.6.1992, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[4] ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11.

[5] ĠU L 337, tat-13.12.2002, p. 87. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/159/KE (ĠU L 50, ta' l-20.2.2004, p. 63).

[6] ĠU L 149, tas-17.6.2003, p. 33.

[7] ĠU L 50, ta' l-20.2.2004, p. 63.

(6) Fi Frar 2004, mikrobu ta' l-influwenza ta' l-għasafar b'patoġeniċità baxxa tas-sotto-tip H5N3 kien ġie iżolat f'qatgħa waħda ta' papri fir-reġjun tal-Lombardija fiż-żona tal-vaċċinazzjoni. Għalkemm l-istħarriġ epidemjologiku ma wriex li l-infezzjoni nfirxet, ir-riskju li tiddaħħal l-influwenza ta' l-għasafar tas-sotto-tip H5 qiegħed hemm. Bħalissa, la t-tjur mlaqqma kontra s-sotto-tip H7 fil-qafas tal-kampanja ta' tilqim li hemm bħalissa u lanqas il-popolazzjoni tat-tjur li mhumiex imlaqqma m'huma protetti kontra mard li jista' jkun ikkawżat bl-influwenza ta' l-għasafar tas-sotto-tip H5. Għalhekk, l-Italja talbet biex temenda l-programm tat-tilqim li għandha bħalissa biex tawtorizza t-tilqim ta' tjur fiż-żona tal-vaċċinazzjoni stabbilita bl-użu ta' vaċċin bivalenti li joffri ħarsien kontra l-infezzjoni mill-mikrobu ta' l-influwenza ta' l-għasafar tas-sotto-tipi H7 u H5, u biex din twettaq dan it-tip ta' tilqim sa mill-inqas il-31 ta' Diċembru 2005.

(7) Minħabba li d-Deċiżjoni 2002/975/KE kienet ġiet emendata darbtejn, għal raġunijiet ta' ċarezza fil-leġislazzjoni tal-Komunità, ikun xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u tinbidel b'din id-Deċiżjoni.

(8) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinijoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-programm emendat ta' vaċċinazzjoni kontra l-influwenza ta' l-għasafar, ippreżentat mill-Italja lill-Kummissjoni, huwa approvat u se jitwettaq fiż-żona tal-vaċċinazzjoni deskritta fl-Anness I.

2. Fiż-żona tal-vaċċinazzjoni deskritta fl-Anness I u fiż-żona li tmiss magħha li hija deskritta fl-Anness II għandu jkun hemm monitoraġġ intensiv u sorveljanza kif stabbilit fil-programm ta' tilqim msemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 2*

Ir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' tjur ħajjin, bajd tat-tifqis u ta' laħam frisk tat-tjur lejn, barra mill- u fiż-żona deskritta fl-Anness I għandhom jgħoddu kif stabbilit fil-programm ta' tilqim imsemmi fl-Artikolu 1 u fl-artikoli ta' wara.

*Artikolu 3*

L-ebda tjur ħajjin u bajd tat-tifqis li jkunu ġejjin mill- u/jew li jkunu ġejjin mill-irziezet tat-tjur miż-żona deskritta fl-Anness I m'għandhom joħorġu mill-Italja.

*Artikolu 4*

Iċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali li jkunu flimkien mal-kunsinni ta' tjur ħajjin u bajd tat-tifqis mill-Italja għandhom jinkludu dan il-kliem: "Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal ta' din il-kunsinna jaqblu mad-Deċiżjoni 2004/666/KE".

*Artikolu 5*

1. Il-laħam frisk tat-tjur għandu jkun immarkat skond l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE u m'għandux joħroġ mill-Italja jekk dan ikun ġej minn:

a) tjur imlaqqma kontra l-influwenza ta' l-għasafar.

b) tjur minn qatgħat li jkunu sero-pożittivi għall-influwenza ta' l-għasafar u li jkunu maħsuba għall-qatla taħt kontroll uffiċjali skond il-programm tat-tilqim imsemmi fl-Artikolu 1.

ċ) tjur li jkunu ġejjin minn irziezet li jinsabu f'żona ta' restrizzjoni stabbilita skond id-dispożizzjonijiet imwaqqfa fil-programm tat-tilqim imsemmi fl-Artikolu 1.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a) il-laħam frisk li jkun ġej minn dundjani jew tiġieġ li jkunu tlaqqmu kontra l-influwenza ta' l-għasafar b'vaċċin eterologu tas-sotto-tip (H7N1) u (H5N9), m'għandux jiġi mmarkat skond l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE u jista' jintbagħat lejn Stati Membri oħra, sakemm dak il-laħam ikun ġej minn dundjani u tiġieġ li:

i) jkunu ġejjin minn qatgħat li jkunu ġew spezzjonati u ttestjati regolarment b'riżultati negattivi għall-influwenza ta' l-għasafar, kif stabbilit fil-programm approvat ta' tilqim, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lejn għasafar sentinelli.

Għall-ittestjar ta':

— għasafar imlaqqma, għandu jintuża it-test iIFA,

— għasafar sentinelli, għandhom jintużaw jew it-Test Haemagglutination-Inhibition (HI), it-test AGID jew it-test ELISA. Madankollu, it-test iIFA għandu jintuża wkoll jekk ikun meħtieġ;

ii) jkunu ġejjin minn qatgħat li ġew spezzjonati klinikament minn veterinarju uffiċjali fi żmien 48 siegħa qabel it-tagħbija, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lejn għasafar sentinelli;

iii) jkunu ġejjin minn qatgħat li jkunu ġew ittestjati seroloġikament b'riżultati negattivi fil-Laboratorju Nazzjonali għall-infulwenza ta' l-għasafar, billi tintuża l-proċedura ta' teħid ta' kampjuni u ttestjar stabbilita fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni;

iv) għandhom jintbagħtu direttament lejn il-biċċerija magħżula mill-awtorità kompetenti u għandhom jinqatlu minnufih wara l-wasla. L-għasafar għandhom jinżammu separati minn qatgħat oħra li ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet preżenti.

3. Il-laħam frisk tad-dundjani u t-tiġieġ li jkun jilħaq il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 għandu jkun akkumpanjat biċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fl-Anness VI għad-Direttiva 71/118/KEE ([1]), li taħt il-punt IV (a) tiegħu, għandu jinkludi fih id-dikjarazzjoni li ġejja ta' l-uffiċjal veterinarju:

"Il-laħam tad-dundjan/tiġieġ (*) deskritt fuq huwa skond id-Deċiżjoni 2004/666/KE".

---

(*) ħassar kif meħtieġ

*Artikolu 6*

L-Italja għandha tiżgura li fiż-żona ta' vaċċinazzjoni deskritta fl-Anness I:

a) materjal ta' ppakkjar li jintrema wara li jintuża jew materjal ta' ppakkjar li jkun jista' jinħasel u jiġi diżinfettat b'mod effettiv biss jista' jintuża għall-ġbir, il-ħażna u l-ġarr ta' bajd għall-ikel;

b) il-mezzi kollha ta' ġarr li jintużaw għat-trasport ta' tjur ħajjin, bajd tat-tifqis, laħam frisk tat-tjur, bajd għall-ikel u prodotti ta' l-ikel li jiġu mit-tjur jitnaddfu u jkunu diżinfettati immedjatament qabel u wara kull ġarr, b'diżinfettanti u metodi ta' użu li jkunu approvati mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 7*

1. L-Italja għandha tavża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar id-data tal-bidu tal-programm ta' tilqim bil-vaċċin bivalenti, mill-inqas b'jum bil-quddiem.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 6 għandhom ikunu infurzati mid-data tal-bidu tat-tilqim.

*Artikolu 8*

1. L-Italja għandha, f'intervalli ta' sitt xhur, tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jkun fih tagħrif fuq l-effettività tal-programm tat-tilqim imsemmi fl-Artikolu 1.

2. Din id-Deċiżjoni, u l-aktar il-perjodu ta' żmien li matulu r-restrizzjonijiet tal-moviment li hemm fl-Artikoli 2 sa 6 għandhom ikomplu jgħoddu wara t-tkomplija tal-programm tat-tilqim, għandha tiġi riveduta kif xieraq.

*Artikolu 9*

Id-Deċiżjoni 2002/975/KE tiġi revokata.

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Ottubru 2004.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-29 ta' Settembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 157, it-30.4.2004, p. 33.).

*ANNESS I*

## ŻONA TA' VAĊĊINAZZJONI

**Ir-Reġjun tal-Veneto**

*Il-Provinċja ta' Verona*

| | |
|---|---|
| ALBAREDO D'ADIGE | |
| ANGIARI | |
| ARCOLE | |
| BELFIORE | |
| BONAVIGO | |
| BOVOLONE | |
| BUTTAPIETRA | |
| CALDIERO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CASALEONE | |
| CASTEL D'AZZANO | |
| CASTELNUOVO DEL GARDA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CEREA | |
| COLOGNA VENETA | |
| COLOGNOLA AI COLLI | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CONCAMARISE | |
| ERBE' | |
| GAZZO VERONESE | |
| ISOLA DELLA SCALA | |
| ISOLA RIZZA | |
| LAVAGNO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| MINERBE | |
| MONTEFORTE D'ALPONE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| MOZZECANE | |
| NOGARA | |
| NOGAROLE ROCCA | |
| OPPEANO | |
| PALU' | |
| PESCHIERA DEL GARDA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| POVEGLIANO VERONESE | |
| PRESSANA | |
| RONCO ALL'ADIGE | |
| ROVERCHIARA | |
| ROVEREDO DI GUA' | |
| SALIZZOLE | |
| SAN BONIFACIO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SAN GIOVANNI LUPATOTO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SANGUINETTO | |
| SAN MARTINO BUON ALBERGO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SAN PIETRO DI MORUBIO | |
| SOAVE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SOMMACAMPAGNA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SONA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SORGA' | |
| TREVENZUOLO | |

| | |
|---|---|
| VALEGGIO SUL MINCIO | |
| VERONA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| VERONELLA | |
| VIGASIO | |
| VILLAFRANCA DI VERONA | |
| ZEVIO | |
| ZIMELLA | |

**Ir-Reġjun tal-Lombardija**

*Il-Provinċja ta' Brescia*

| | |
|---|---|
| ACQUAFREDDA | |
| ALFIANELLO | |
| BAGNOLO MELLA | |
| BASSANO BRESCIANO | |
| BORGOSATOLLO | |
| BRESCIA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CALCINATO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CALVISANO | |
| CAPRIANO DEL COLLE | |
| CARPENEDOLO | |
| CASTENEDOLO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CIGOLE | |
| DELLO | |
| DESENZANO DEL GARDA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| FIESSE | |
| FLERO | |
| GAMBARA | |
| GHEDI | |
| GOTTOLENGO | |
| ISORELLA | |
| LENO | |
| LONATO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| MANERBIO | |
| MILZANO | |
| MONTICHIARI | |
| MONTIRONE | |
| OFFLAGA | |
| PAVONE DEL MELLA | |
| PONCARALE | |
| PONTEVICO | |
| POZZOLENGO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| PRALBOINO | |
| QUINZANO D'OGLIO | |
| REMEDELLO | |
| REZZATO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| SAN GERVASIO BRESCIANO | |
| SAN ZENO NAVIGLIO | |
| SENIGA | |

VEROLANUOVA

VEROLAVECCHIA

VISANO

*Il-Provinċja ta' Mantova*

CASTIGLIONE DELLE STIVIERE

CAVRIANA

CERESARA

GOITO

GUIDIZZOLO

MARMIROLO

MEDOLE

MONZAMBANO

PONTI SUL MINCIO

ROVERBELLA

SOLFERINO

VOLTA MANTOVANA

*ANNESS II*

## ŻONA LI TMISS MA' DIK TAL-VAĊĊINAZZJONI FEJN QED IKUN HEMM MONITORAĠĠ ESTENSIV

**Ir-Reġjun tal-Lombardija**

*Il-Provinċja ta' Bergamo*

| | |
|---|---|
| ANTEGNATE | |
| BAGNATICA | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| BARBATA | |
| BARIANO | |
| BOLGARE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CALCINATE | |
| CALCIO | |
| CASTELLI CALEPIO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CAVERNAGO | |
| CIVIDATE AL PIANO | |
| COLOGNO AL SERIO | |
| CORTENUOVA | |
| COSTA DI MEZZATE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| COVO | |
| FARA OLIVANA CON SOLA | |
| FONTANELLA | |
| GHISALBA | |
| GRUMELLO DEL MONTE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| ISSO | |
| MARTINENGO | |
| MORENGO | |
| MORNICO AL SERIO | |
| PAGAZZANO | |
| PALOSCO | |
| PUMENENGO | |
| ROMANO DI LOMBARDIA | |
| SERIATE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| TELGATE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| TORRE PALLAVICINA | |

*Il-Provinċja ta' Brescia*

| | |
|---|---|
| AZZANO MELLA | |
| BARBARIGA | |
| BASSANO BRESCIANO | |
| BERLINGO | |
| BORGO SAN GIACOMO | |
| BRANDICO | |
| CASTEGNATO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CASTEL MELLA | |
| CASTELCOVATI | |
| CASTREZZATO | |
| CAZZAGO SAN MARTINO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| CHIARI | |
| COCCAGLIO | |
| COLOGNE | |
| COMEZZANO-CIZZAGO | |
| CORZANO | |
| ERBUSCO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |

| | |
|---|---|
| LOGRATO | |
| LONGHENA | |
| MACLODIO | |
| MAIRANO | |
| ORZINUOVI | |
| ORZIVECCHI | |
| OSPITALETTO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| PALAZZOLO SULL'OGLIO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| POMPIANO | |
| PONTOGLIO | |
| ROCCAFRANCA | |
| RONCADELLE | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| ROVATO | żona lejn in-naħa t'isfel ta' l-awtostrada A4 |
| RUDIANO | |
| SAN PAOLO | |
| TORBOLE CASAGLIA | |
| TRAVAGLIATO | |
| TRENZANO | |
| URAGO D'OGLIO | |
| VILLACHIARA | |

*Il-Provinċja ta' Cremona*

CAMISANO
CASALE CREMASCO -VIDOLASCO
CASALETTO DI SOPRA
CASTEL GABBIANO
SONCINO

*Il-Provinċja ta' Mantova*

ACQUANEGRA SUL CHIESE
ASOLA
BIGARELLO
CANNETO SULL'OGLIO
CASALMORO
CASALOLDO
CASALROMANO
CASTEL D'ARIO
CASTEL GOFFREDO
CASTELBELFORTE
GAZOLDO DEGLI IPPOLITI
MARIANA MANTOVANA
PIUBEGA
PORTO MANTOVANO
REDONDESCO
RODIGO
RONCOFERRARO
SAN GIORGIO DI MANTOVA
VILLIMPENTA

**Ir-Reġjun tal-Veneto**

*Il-Provinċja ta' Padova*

CARCERI
CASALE DI SCODOSIA
ESTE
LOZZO ATESTINO
MEGLIADINO SAN FIDENZIO
MEGLIADINO SAN VITALE
MONTAGNANA
OSPEDALETTO EUGANEO
PONSO
SALETTO
SANTA MARGHERITA D'ADIGE
URBANA

*Il-Provinċja ta' Verona*

| | |
|---|---|
| BEVILACQUA | |
| BOSCHI SANT'ANNA | |
| BUSSOLENGO | |
| PESCANTINA | |
| SOMMACAMPAGNA | żona lejn in-naħa ta' fuq ta' l-awtostrada A4 |
| SONA | żona lejn in-naħa ta' fuq ta' l-awtostrada A4 |

*Il-Provinċja ta' Vicenza*

AGUGLIARO
ALBETTONE
ALONTE
ASIGLIANO VENETO
BARBARANO VICENTINO
CAMPIGLIA DEI BERICI
CASTEGNERO
LONIGO
MONTEGALDA
MONTEGALDELLA
MOSSANO
NANTO
NOVENTA VICENTINA
ORGIANO
POIANA MAGGIORE
SAN GERMANO DEI BERICI
SOSSANO
VILLAGA

*ANNESS III*

## PROĊEDURA TA' KIF JITTIEĦDU L-KAMPJUNI U JSIRU L-PROVI

1. **Introduzzjoni u użu ġenerali**

L-analiżi indiretta żviluppata ta' l-Immunoflorexxenza (it-test iIFA) hija mmirata lejn id-divrenzjar bejn dundjani u tiġieġ imlaqqma/infettati u mlaqqma/mhux infettati fil-qafas ta' l-istrateġija tal-vaċċinazzjoni "DIVA" (Id-Divrenzjar bejn Annimali Infettati u Mlaqqma), billi jintuża vaċċin ta' sotto-tip eterologu mis-sotto-tip tal-virus tal-marda.

2. **L-użu tat-test biex ikun jista' jintbagħat laħam frisk tad-dundjani u t-tiġieġ miż-żona ta' vaċċinazzjoni fl-Italja lejn Stati Membri oħra**

Il-laħam li jkun ġej minn qatgħat ta' dundjani u tiġieġ li jkunu tlaqqmu kontra l-influwenza ta' l-għasafar jista' jintbagħat lejn Stati Membri oħra sakemm, fejn it-tjur ikunu qed jinżammu f'bini wieħed, ikunu ttieħdu kampjuni tad-demm mill-veterinarju uffiċjali fi żmien sebat ijiem qabel il-qatla minn mill-inqas 10 dundjani jew tiġieġ imlaqqma li jkunu maħsuba għall-qatla. Madankollu, fejn it-tjur ikunu qed jinżammu f'aktar minn grupp wieħed jew kamra waħda, għandu jittieħed kampjun minn mill-inqas 20 tajra mlaqqma li jintgħażlu bl-addoċċ mill-gruppi jew mill-kmamar kollha li jkun hemm fir-razzett.